A.L. 355 ta' l-2004

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw it-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 268 tal-Kodiċi Ċivili, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, flimkien mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw it-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fis-7 ta' Lulju, 2004.

2. Minflok il-partita 7 fit-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:-

Emenda tal-Kodiċi.

	Lm c
"**7**. (a) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formoli I,K,M,O fit-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	1.00
(b) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formoli J,L,N,P fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	1.00
(ċ) Għal kull ċertifikat li jkollu kopja sħiħa ta' reġistrazzjoni tat-twelid, żwieġ jew mewt b'dawk in-noti li jista' jkun hemm magħha.....	4.00".